



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 10.11.2005
KUMM(2005) 551 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT
EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI U LILL-KUMITAT TAR-
REĠJUNI**

**LI TIMPLIMENTA L-PROGRAMM KOMUNITARJU TA' LIŻBONA
POLITIKA MODERNA TA' L-SMEs GĦAT-TKABBIR U L-IMPJIEGI**

WERREJ

1.	Introduzzjoni	3
2.	Jingħata impetu ġdid lill-politika dwar l-SMEs	4
3.	Azzjoni speċifika li għandha tittieħed.....	5
3.1.	Il-promozzjoni ta' l-intraprenditorija u l-ħiliet.	5
3.2.	Titjib fl-aċċess għas-swieq mill-SMEs.	6
3.3.	Tnaqqis fil-burokrazija żejda.	8
3.4.	Titjib fil-potenzjal tat-tkabbir ta' l-SMEs.....	9
3.5.	It-tiżiħ fid-djalogu u l-konsultazzjoni ma' l-SMEs kollha interessati.	11
4.	Konklużjoni.....	12

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

LI TIMPLIMENTA L-PROGRAMM KOMUNITARJU TA' LIŻBONA POLITIKA MODERNA TA' L-SMEs GĦAT-TKABBIR U L-IMPJIEGI

1. INTRODUZZJONI

L-Impriżi żgħar u ta' daqs medju (l-SMEs), imfissra bħala dawk li għandhom inqas minn 250 impjegat¹, jiffurmaw parti kbira mill-ekonomija ta' l-Ewropa: hemm 23 miljun minnhom fl-Unjoni Ewropea, li joffru madwar 75 miljun impjieg u jammontaw għal 99% ta' l-impriżi kollha. L-SMEs huma parti ewlenija ta' l-industrija Ewropea, mhux l-inqas għax jikkontribwixxu għal 80% ta' l-impjiegi f'xi setturi industrijali, bħat-tessuti, il-bini jew l-għamara. L-SMEs huma sors ewlieni ta' ħliet imprenditorjali, innovazzjoni u jikkontribwixxu għall-koeżjoni ekonomika u soċjali.

Il-Partenarjat l-ġdid għat-Tkabbir u l-Impjiegi jagħmel enfażi b'mod partikolari fuq il-bżonn biex jitjieb l-ambjent għan-negozju, iqis it-tħassib ta' l-SMEs u jagħtihom l-appoġġ xieraq. Tabilħaqq, l-SMEs huma indispensabbli biex jipprovdu aktar tkabbir b'saħħtu u fit-tul u aktar impjiegi aħjar. Barra minn hekk, sabiex l-ekonomija tingħata nifs ġdid, l-Ewropa teħtieġ aktar nies lesti li jsiru imprendituri, b'hekk l-importanza li titrawwem kultura imprenditorjali.

Għalhekk, isiru aktar importanti strateġiji ta' politika li jiffavorixxu l-SMEs kemm fuq livell ta' Komunità kif ukoll fl-Istati Membri sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal ta' l-UE. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni qed tieħu azzjoni biex tqiegħed lill-SMEs fuq quddiem ta' l-aġenda politika u tipproponi bidu ġdid għal politika dwar l-SMEs, biex tkun implimentata bi sħubija mill-qrib ma' l-Istati Membri. Din il-Komunikazzjoni tipprovdi qafas koerenti għall-istrumenti differenti ta' politika dwar l-impriżi u timmira biex il-kunċett "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" ikun effettiv fl-oqsma kollha tal-politika ta' l-UE. Hi tenfasizza l-isfidi ewlenin li l-SMEs iħabbtu wiċċhom magħhom fil-ħajja ta' kuljum, tipproponi azzjonijiet ġodda biex issaħħaħ il-kapaċità tagħhom ħalli jibqgħu sostenibbli fis-suq, biex tkabbar u toħloq impjiegi u modi ġodda biex jitjieb id-djalogu u l-konsultazzjoni ma' l-SMEs kollha interessati. B'hekk, hi tappoġġja biċ-ċar l-implimentazzjoni tal-Linji ta' Gwida Integrati ta' Liżbona² u l-Programm Komunitarju ta' Liżbona³.

¹ Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE

² Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2005/601/KE dwar linji ta' gwida ġenerali għall-politika ekonomika ta' l-Istati Membri.

³ Kommunikazzjoni mill-Kummissjoni: Azzjonijiet Komuni għat-Tkabbir u l-Impjiegi: Il-Programm Komunitarju ta' Liżbona, COM (2005) 330

2. JINGĦATA IMPETU ĠDID LILL-POLITIKA DWAR L-SMEs

Din il-Komunikazzjoni tistipula għadd ta' għanijiet u azzjonijiet li jispeċifikaw kif il-miżuri dwar il-programm Komunitarju ta' Liżbona jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-SMEs. B'mod partikolari, hi sservi ta' gwida dwar kif għandhom jiġu implimentati l-linji ta' gwida integrati ta' Liżbona b'mod li jaqdu lill-SMEs. Dan japplika l-aktar għal-linji ta' gwida 14 u 15 li huma marbuta mar-regolamentazzjoni aħjar, kultura aktar imprenditorjali u ambjent aktar kompetittiv u li jappoġġja lill-SMEs. Dan għandu jkun ta' għajjnuna l-aktar fl-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali ta' riforma li l-Istati Membri ntrabtu li jagħmlu. Tabilħaqq, is-suċċess tal-politika dwar l-SMEs jiddependi primarjament mill-azzjoni mill-Istati Membri minħabba li jżommu l-kompetenza ewlenija fil-politika dwar l-impreżi, filwaqt li l-istruttura tal-politika Komunitarja għandha tagħti appoġġ u tikkumplementa l-isforzi tagħhom.

Din il-Komunikazzjoni toħloq **struttura ta' politika għal azzjonijiet mill-SMEs** u tintegra l-għanijiet ta' l-istrumenti eżistenti tal-politika dwar l-impreżi, b'mod partikolari l-Karta Ewropea għall-Impreżi ż-Żgħira u l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Intraprenditorija sabiex jissawru sinerġiji u titjeb it-trasparenza fil-modi tal-politika Ewropea dwar l-SMEs. B'mod partikolari, l-integrazzjoni tar-rappurtar dwar l-implimentazzjoni tal-Karta fiċ-ċiklu tat-tmexxija ta' Liżbona se żżid iċ-ċarezza u l-konsistenza bejn l-azzjonijiet differenti favur l-SMEs. Se tikkontribwixxi wkoll għal titjeb fis-sinerġiji bejn ir-riformi mikroekonomiċi li jridu jittieħdu, jiġifieri li jagħmlu lill-Ewropa aktar innovativa u post aktar attraenti biex wieħed jinvesti u jaħdem fih. Il-politika dwar l-SMEs fin-natura tagħha hija trasversali u titlob għal tisħiħ fid-dimensjoni ta' l-SMEs f'firxa wiesgħa ta' l-oqsma tal-politika Komunitarja. Ngħidu aħna, id-dimensjoni ta' l-SMEs se tkun riflessa f'dak li jiġi wara l-Komunikazzjoni "Lejn approċċ aktar integrat għall-politika industrijali"⁴.

Il-metodu l-ġdid hu bbażat fuq mod sħiħ ta' kif wieħed iħares lejn ir-rwol ta' l-SMEs fis-soċjeta` billi jkun hemm enfasi fuq l-importanza tagħhom bħala fattur importanti fl-għaqda ekonomika u soċjali fuq livell lokali u reġjonali. Barra minn hekk, bosta mill-SMEs huma ħafna drabi marbuta b'responsabbiltà soċjali korporattiva, li tagħtihom lok biex itejbu l-ħidma u l-kompetittività tagħhom filwaqt li jħallu effett pożittiv fuq il-komunità lokali u l-ambjent. Il-kumpaniji l-kbar ukoll għandhom responsabbiltà lejn l-SMEs bħala sotto-kuntratturi, pereżempju fl-industrija tal-karozzi. Il-Kummissjoni se tingħaqad man-negozji, kemm biex tippromwovi l-programmi ta' l-UE u biex tiddirezzjona r-reazzjonijiet ta' l-SMEs lejn dawk li jfasslu l-oqsma tal-politika. In-netwerks Komunitarji ta' appoġġ fin-negozju, bħaċ-Ċentri ta' Informazzjoni dwar l-Ewropa, għandhom rwol importanti fit-tħaddim b'suċċess tal-politika dwar l-SMEs.

L-SMEs ivarjaw ħafna fin-natura tagħhom: xi wħud minnhom ifittxu li jikbru malajr u jfittxu swieq akbar; oħrajn huma attivi biss fis-swieq lokali jew reġjonali. Peress li din id-differenza trid tidher fit-tfassil tal-politika, l-istrateġija l-ġdida tħaddan fiha inizjattivi u azzjonijiet biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tat-tipi kollha ta' impreżi li jvarjaw minn dawk ġodda u dawk li jikbru malajr għal impreżi tradizzjonali, inkluż

⁴

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni: L-implimentazzjoni tal-programm Komunitarju ta' Liżbona: Qafas ta' politika biex tissaħħaħ il-manifattura fl-UE – lejn metodu aktar integrat għall-politika industrijali, COM (2005) 474

is-settur tas-snajja', l-impriżi żgħar ħafna, l-impriżi ta' ekonomija soċjali u l-SMEs magħmulin minn familja.

Il-bidliet strutturali li għaddiet minnhom l-ekonomija fl-aħħar għoxrin sena ġabu magħhom opportunitajiet ġodda għall-SMEs li huma ħafna drabi impriżi flessibbli, li kapaċi jaddattaw ruħhom u li huma dinamiċi. Meta mqabbla ma' impriżi kbar, huma jistgħu jkollhom vantaġġ fis-swieq li għandhom potenzjal, swieq li huma ristretti ġeografikament, jew li jipproduċu volum inqas jew prodotti speċjalizzati. Iżda, l-SMEs ibatu b'mod sporporzjonat minn piżijiet leġislattivi u amministrattivi meta mqabbla ma' negozji kbar. Pressjoni minħabba żieda fil-kompetizzjoni flimkien ma' difetti fis-suq bħal aċċess limitat għan-netwerks finanzjarji, ta' riċerka, innovazzjoni u ktajjen ta' forniture jistgħu wkoll ma' jħalluhomx jikbru. L-SMEs huma ħafna drabi vulnerabbli għal bidliet ekonomiċi mġaġġla u għall-pressjoni minħabba kompetizzjoni. Barra minn hekk, l-imprendituri ħafna drabi mhumie x konxji biżżejjed mill-attivitajiet li jsiru biex jikkonsultawhom u jappoġġjawhom, b'mod partikolari fuq livell Ewropew.

Se jingħata appoġġ lill-SMEs mill-programmi Komunitarji għall-impriżi, jiġifieri l-Programm Multiannwali għall-Impriżi u l-Intraprenditorija u l-Programm ta' Qafas li ġej dwar il-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP). Iżda, peress li l-politika dwar l-SMEs hi ħafna drabi msarrfa f'inizjattivi maħsuba u mwassla fuq livelli lokali u reġjonali, għandhom jintużaw sorsi oħra importanti ta' fondi, bħall-fondi għall-politika ta' koeżjoni.

Il-fondi strutturali għandhom sehem importanti biex jippromwovu l-intraprenditorija u l-ħiliet u jitjieb it-tkabbir potenzjali ta' l-SMEs, pereżempju billi jappoġġjaw l-iżvilupp teknoloġiku ta' l-SMEs, billi jingħataw servizzi ta' appoġġ lin-negozju, u tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-SMEs. Il-fondi strutturali pprovdew madwar €21 biljun lill-SMEs fil-perjodu bejn l-2000-2006 u l-orjentamenti ssuġġeriti fl-abbozz tal-Linji ta' Gwida Strateġiċi dwar il-koeżjoni jikkonfermaw dan l-impenn.⁵ Il-Linji ta' Gwida Strateġiċi għall-iżvilupp rurali joħorġu biċ-ċar ir-rwol li l-appoġġ għall-ħolqien ta' mikro-intrapriżi jista' jkollu fid-diversifikazzjoni ta' l-ekonomija rurali⁶.

3. AZZJONI SPEĊIFIKA LI GĦANDHA TITTIEĦED

3.1. Il-promozzjoni ta' l-intraprenditorija u l-ħiliet.

L-UE mhix **tisfrutta sew il-potenzjal imprenditorjali tagħha** u mhix qed tippoduċi biżżejjed impriżi ġodda. Għad hemm wisq fatturi, bħall-iżbilanċ bejn ir-riskju u l-kumpens, għajnuna batuta fis-sigurtà soċjali, u nuqqas ta' kuxjenza dwar dak li fil-fatt jagħmlu l-imprendituri, li jġiegħlu lil dak li jkun jippreferi li jkun impjegat milli jaħdem għal rasu. Il-Kummissjoni se żżid l-isforzi tagħha biex is-soċjetà tapprezza aktar dak li jagħmlu l-imprendituri, toħloq kuxjenza akbar tal-karrieri bħala imprendituri, trawwem mentalità imprenditorjali li tinkludi t-tixrid tal-prassi ta' intraprenditorija responsabbli. Il-Kummissjoni se tippreżenta Komunikazzjoni dwar l-intraprenditorija u l-edukazzjoni, li issa għandha sehem aktar

⁵ COM (2005) 299

⁶ COM (2005) 304

importanti x'taqdi. Ir-rwol dejjem aktar importanti ta' l-edukazzjoni għall-intrapreditorija se jkun enfasizzat minn Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar dan il-qasam ewlieni. Fl-istess ħin, fondi strutturali se jikkontribwixxu direttament għall-promozzjoni ta' l-intrapreditorija billi jkun hemm investiment f'azzjonijiet bħal ma huma t-tkabbir tal-firxa u tal-kwalità tas-servizzi ta' konsulenza dwar in-negozju u servizzi ta' negozju komuni. L-aħħar iżda mhux l-anqas, il-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri siewja biex inaqqsu l-ħin u l-ispejjeż involuti fit-twaqqif ta' kumpanija ġdida.

Il-Kummissjoni se ssaħħaħ l-appoġġ tagħha għal attivitajiet **li jnaqqsu l-piż tar-riskju** li huma marbuta intrinsikament ma' l-intrapreditorija. Se tieħu inizjattivi biex tikkumbatti l-effetti ħżiena ta' falliment fin-negozju u teżamina l-possibbiltà li ttejjeb l-iskemi tas-sigurtà soċjali u l-proċeduri dwar falliment. Pereżempju, il-Kummissjoni nediet proġett pilota biex ittejjeb iċ-ċaqliq ta' għarfien u kompetenzi bażiċi li huma meħtieġa biex isir b'suċċess **it-trasferiment tan-negozji**. Il-Kummissjoni qed taħseb ukoll għal Komunikazzjoni speċifika dwar it-trasferiment tan-negozju, sabiex tisħaq dwar ir-rwol kruċjali tagħhom f'li jinżammu miljuni ta' impjiegi fl-UE.

Biex titnaqqas **id-ditakk li hemm fil-ħiliet**, l-imsieħba kollha, u b'mod partikolari l-impriżi, għandhom ikunu involuti fl-iżvilupp u t-tiswir ta' korsijiet ta' taħriġ u metodoloġiji. Il-Kummissjoni tqis li l-Istati Membri għandhom jirrevedu l-politika tagħhom edukattiva u ta' taħriġ biex ilaħħqu aħjar mal-bidliet preżenti u antiċipati fis-suq tax-xogħol. L-istrateġiji nazzjonali komprensivi dwar edukazzjoni tul il-ħajja, li jridu jitwaqqfu mill-Istati Membri sa l-2006, fil-qafas tal-Programm dwar l-Edukazzjoni u Taħriġ ta' l-2010, u l-Programm Komunitarju ta' Azzjoni fil-qasam tat-Tagħlim tul il-Ħajja se jiffaċilita l-addattament tal-ħaddiema ta' l-SMEs għall-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol u l-promozzjoni tal-ħiliet imprenditorjali, inkluż it-“teħid ta' riskji” fil-livelli kollha ta' edukazzjoni u taħriġ. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed tiffinanzja azzjonijiet biex jitnaqqsu l-firdiet fil-ħiliet permezz tat-titjib tan-negozju dwar it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja tal-Fondi Soċjali Ewropej.

Il-Kummissjoni qed taħdem mill-qrib ma' awtoritajiet nazzjonali biex tindirizza dawk l-oqsma fejn il-bżonnijiet ta' **l-imprendituri nisa** għandhom ma ntlaħqux sew, speċjalment l-aċċess għal networks finanzjarji u imprenditorjali. Fejn jidħlu l-**imprendituri** bħal ma huma żgħażaġh, ħaddiema akbar fl-età, jew dawk minn komunitajiet li huma minoranzi etniċi, il-Kummissjoni se tibqa' tħajjar netwerking tajjeb bejn dawk li jfasslu l-oqsma tal-politika biex tidentifika u tippromwovi l-prassi t-tajba biex tgħinhom.

3.2. Titjib fl-aċċess għas-swieq mill-SMEs.

L-SMEs ma jgawdux għal kollox mill-opportunitajiet li joffri s-**Suq Intern**, l-aktar minħabba nuqqas ta' informazzjoni dwar opportunitajiet ta' negozju, minkejja l-isforzi li ilhom jagħmlu l-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jiffaċilitaw u jtejbu l-attivitajiet transkonfinali fl-UE. B'mod partikolari, l-SMEs mhumieħ dejjem konxji mill-opportunitajiet li joffru s-swieq ta' **l-offerti pubbliċi**, għandhom riżorsi limitati biex ikunu jistgħu jieħdu sehem fil-proċess ta' **standardizzazzjoni**, jew biex igawdu mid-**Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali** (IPR), u jbatu biex jikkonformaw mas-**sistemi tat-taxxa** differenti u kumplikati. Jeħtieġ li l-SMEs jkun inkorraġġiti biex joperaw fuq livell internazzjonali, għaliex dan spiss iwassal għal qagħda kompetittiva aħjar u għal titjib fit-tkabbir tal-kumpaniji u l-produttività tagħhom.

Il-Kummissjoni tinsisti li żżid l-isforzi biex twettaq **is-Suq Intern** u titlob lill-Istati Membri biex jikkontribwixxu għal dan il-għan komuni. Il-Kummissjoni se tniedi inizjattiva ġdida li biha teżamina kif l-istrategġija politiċi pubbliċi jistgħu jgħinu lill-*SMEs* sabiex igawdu aktar mis-suq Ewropew. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni se tibqa' taħdem fuq forma legali ta' l-impriża ta' l-UE li tkun tista' toffri inċentivi lill-*SMEs* sabiex joħolqu partenarjati transkonfinali.

Il-kuntratti fix-**xiri pubbliku** jammontaw għal aktar minn €1.5 triljun, jew 16% tal-PGD ta' l-UE.⁷ L-implimentazzjoni tad-Direttivi l-ġodda dwar l-Offerti Pubbliċi, li għandha ssir sal-31 ta' Jannar 2006, se timmodernizza aktar u tissimplifika l-proċeduri ta' għotjiet, speċjalment billi trawwem l-*e-procurement* biex tagħti lok għal offerti pubbliċi "ambjentali". Dan x'aktarx ikun ta' benefiċċju għall-*SMEs*, inkluż *SMEs* li huma eko-innovativi li għandhom x'jiggrawdanzaw mill-istrategġija ta' politika ġodda ta' xiri ambjentali.

Il-Kummissjoni qed tiegħu azzjoni biex tippromwovi l-parteċipazzjoni ta' l-*SMEs* fl-**istandardizzazzjoni** u biex tagħmel lill-*SMEs* konxji mill-istandards. Hemm ħsieb għal aktar azzjoni komprensiva fit-tul biex ikun żgurat li l-interessi ta' l-*SMEs* jitqisu bis-sħiħ fil-proċess ta' standardizzazzjoni u li huma jiksbu ta' spiss informazzjoni aġġornata dwar l-istandards il-ġodda f'format imqassar u li jiftiehem. Dan hu suġġett ieħor li l-Istati Membri jridu jkunu attivi dwaru, billi jqisu li l-iżvilupp ta' standards jiġi minn diskussjonijiet fuq livell Ewropew li huma bbażati fuq pożizzjonijiet nazzjonali.

Biex jitnaqqsu l-ispejjeż **għolja ta' konformità mat-taxxa** li ħafna drabi huma meħtieġa biex titwaqqaf ferġha jew xi sussidjarja fi Stat Membru ieħor, il-Kummissjoni bi ħsiebha tipproponi Komunikazzjoni dwar proġett pilota dwar it-Tassazzjoni mill-Istat ta' Residenza sabiex l-*SMEs* ikunu jistgħu jaħdmu l-profitti taxxabbi tal-fergħat barranin jew sussidjarji abbażi tar-regoli ta' l-Istat ta' residenza tagħhom.

Il-Kummissjoni bi ħsiebha tipproponi inizjattivi ġodda dwar in-netwerk ta' **Ċentru ta' Informazzjoni Ewropew (EIC)** biex tħajjar lill-*SMEs* jipparteċipaw f'kooperazzjoni fin-negozju u attivitajiet li jaqblu, speċjalment fir-reġjuni fuq il-fruntiera. Barra minn hekk, l-ostakli fil-kummerċ għal swieq barranin, bħal importazzjoni u ħtiġijiet tad-dwana, jistgħu jimponu piż sproporzjonat fuq l-*SMEs*. Bħala parti mid-djalogu proattiv ma' l-imsieħba kbar tagħha fil-kummerċ kemm fuq livell bilaterali kif ukoll fuq livell multilaterali, il-Kummissjoni se tfittex li tnaqqas iktar l-ostakli li jħabbtu wiċċhom magħhom esportaturi Ewropej u tippromwovi **aċċess akbar għal swieq internazzjonali**, pereżempju billi tagħti informazzjoni dwar is-suq u tħajjar lill-*SMEs* biex jiffirmaw ftehim fuq proġetti konġunti ma' impriżi f'pajjiżi li qed jiżviluppaw.

L-Istrategġija ta' Aċċess tas-Suq ta' l-UE se tissaħħaħ fejn tidħol ir-reġistrazzjoni u l-evalwazzjoni ta' l-impatt ta' l-ilmenti mressqa minn kumpaniji ta' l-UE u biex ikun żgurat li jkun hemm tkompliġja adegwata. Il-Kummissjoni timmira wkoll biex tiżviluppa l-politika ta' l-*SMEs* u ttejjeb l-ambjent tan-negozju f'pajjiżi li mhumiex fl-UE, b'mod partikolari dawk li x'aktarx isiru membri ta' l-UE u l-imsieħba tal-

⁷

Rapport dwar it-tħaddim tas-swieq Komunitarji tal-prodotti u l-kapital, COM (2002) 743

politika Ewropea ta' Viċinat, permezz ta' kooperazzjoni politika u programmi ta' għajnuna.

3.3. Tnaqqis fil-burokrazija żejda.

Fuq livell Komunitarju l-Kummissjoni bi ħsiebha tintegra l-prinċipju '**Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir**' mal-politika Komunitarja kollha u twassal għal simplifikazzjoni regolatorja u amministrattiva. Meta jkunu qed jiġu identifikati l-miżuri xierqa ta' simplifikazzjoni, għandha tingħata attenzjoni biex ikun żgurat li r-regolament ikun proporzjonat ma' l-għanijiet ewlenin li għandhom jinkisbu, meħud ukoll kont ta' l-aspett soċjali, ambjentali u ekonomiku.

Ir-Regolamentazzjoni aħjar hija ta' importanza kbira għall-impriżi, speċjalment l-SMEs, minħabba li għandhom riżorsi limitati u m'għandhomx biżżejjed kompetenza biex isibu tarf tar-regoli u regolamenti li ħafa drabi jkunu kumplessi. L-evidenza turi li l-SMEs ibatu b'mod sproporzjonat minn piżijiet amministrattivi. Biex jitjiebu l-kundizzjonijiet ta' l-istrutturi għat-tkabbir u x-xogħol, il-Kummissjoni se tissimplifika r-regoli u l-leġiżlazzjoni Komunitarja, kif stipulat fil-Komunikazzjoni riċenti dwar is-simplifikazzjoni ta' l-ambjent regolatorju⁸. Iżda, peress li r-responsabbiltà għas-simplifikazzjoni tinqasam, l-Istati Membri għandhom iqisuha fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, kif ukoll jimplimentaw regoli ta' l-UE bl-iktar mod sempliċi.

Il-Kummissjoni se tagħti kas aktar tad-dimensjoni ta' l-SMEs meta tevalwa, fi stadju bikri, l-impatt tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE u tiżgura li jitqisu sew u b'mod sistematiku l-bżonnijiet ta' l-SMEs. Meta tkun **qed teżamina l-leġiżlazzjoni eżistenti**, il-Kummissjoni se tiżgura li l-immodernizzar tal-leġiżlazzjoni preżenti ma jtellifx mit-tkabbir ta' l-SMEs u l-potenzjal ta' innovazzjoni u se teżamina sistematikament l-għażliet kollha inkluż l-eżenzjonijiet għall-impriżi ż-żgħar, fejn jixraq. Kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq dak ta' l-UE, għandhom jitqisu dejjem miżuri xierqa biex itaffu l-piż leġiżlattiv minn fuq l-SMEs u jista' jkun utili li jiddaħħlu dispożizzjonijiet speċifiċi għall-SMEs bħal perjodi itwal ta' transizzjoni, drittijiet imnaqqsa jew ħtiġijiet ta' rappurtar simplifikati, anki eżenzjonijiet, jew biex jipproponu għajnuna, bħal uffiċċji fejn wieħed jista' jikseb għajnuna. Pereżempju, l-leġiżlazzjoni farmaċewtika riveduta ta' l-UE taħseb għal tnaqqis sinifikanti fid-drittijiet, diferimenti u għajnuna speċjali amministrattiva għall-SMEs li qed jiżviluppaw il-mediċini. Il-Kummissjoni se tiżgura wkoll li l-partijiet kollha interessati fl-SMEs ikunu kkonsultati b'mod xieraq.

Il-Kummissjoni qed tagħti attenzjoni akbar lill-ostakli marbuta mal-**piż amministrattiv** li jżomm lill-SMEs milli joħlqu l-impjiegi u tistieden lill-Istati Membri biex jimplimentaw b'urġenza r-riżultati ta' rapport riċenti dwar intrapriżi magħmula minn persuna waħda, inkluż ir-rakkomandazzjonijiet biex ikun iffaċilitat ir-reklutaġġ għal kumpaniji żgħar.⁹

Xi kultant l-użu ta' **strumenti ta' politika alternattiva**, bħal standards u ftehim volontarju, għandu jitqis bil-għan li jikkumplimenta u jappoġġja l-implimentazzjoni

⁸

COM (2005) 535

⁹

http://europa.eu.int/comm/enterprise/entrepreneurship/support_measures/first_emp/index.htm

tal-leġiżlazzjoni eżistenti. Meta dawn ikunu qed jitqisu, il-proċess għandu jagħti lok biex ir-rappreżentanti ta' l-SMEs jipparteċipaw bis-siġer fit-tfassil tagħhom.

Ix-xogħol biex ikunu simplifikati r-regoli marbuta mal-**parteċipazzjoni ta' l-SMEs fil-programmi Komunitarji** se jibqa' jsir b'saħħa billi titnaqqas il-komplessità tal-proċeduri, titjeb l-informazzjoni li tingħata lill-SMEs dwar programmi eżistenti u jiddaħħlu proċeduri ta' evalwazzjoni li jqisu l-partikularitajiet ta' l-SMEs. Biex tagħmel pass ieħor 'il quddiem, il-Kummissjoni qed tqis miżuri oħra, bħal li ddaħħal proċeduri dwar evalwazzjoni minn qabel, tħajjar il-parteċipazzjoni tal-konsorzji ta' l-SMEs, tissimplifika l-ħtiġijiet finanzjarji għall-SMEs u tistabbilixxi miri għal parteċipazzjoni ta' l-SMEs. Il-Kummissjoni se tiżgura wkoll li jkunu segwiti sew il-miżuri meħuda billi tevalwa b'mod regolari l-parteċipazzjoni ta' l-SMEs fil-programmi ta' l-UE.

Kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni f'oqsma ta' politika speċifika biex jittaffa l-piż fuq l-SMEs u biex jitqisu aħjar il-bżonnijiet partikolari tagħhom. Il-Kummissjoni bi ħsiebha tirrevedi u tissimplifika **r-regoli differenti ta' għajnuna mill-Istat** u tinkoraġġixxi li jidħlu għar-riskju permezz ta' strateġija aktar flessibbli għal għajnuna immirata lejn l-SMEs. B'mod partikolari, ir-regoli ta' għajnuna mill-Istat dwar innovazzjoni se jkunu reveduti biex titrawwem l-innovazzjoni fost l-SMEs, li hija element importanti.

Il-Kummissjoni ppubblikat proposta għal Direttiva tal-Kunsill¹⁰, biex iddaħħal livell massimu uniformi ta' €100,000 kalkulat fi dħul annwali għal eżenzjoni mill-VAT u f'sistema ta' one-stop-shop għall-VAT biex tissimplifika l-obbligi tal-VAT u biex tħajjar lill-SMEs biex iżidu l-kummerċ fi ħdan l-UE. Il-Kummissjoni qed tagħmel pressjoni biex tiġi adottata malajr din id-Direttiva. Barra minn hekk, l-Istati Membri huma mistiedna biex jirrevedu **t-tassazzjoni diretta** biex jitnaqqas il-piż bla bżonn fuq l-SMEs. Fl-aħħar, il-Kummissjoni se tidentifika prassi tajba fl-Istati Membri dwar it-trattament tat-taxxa fuq dak li jibqgħalhom milli jaqilgħu li jsaħħu l-pożizzjoni ta' l-ishma fl-SMEs.

3.4. Titjib fil-potenzjal tat-tkabbir ta' l-SMEs.

L-UE qed taġixxi biex tindirizza l-vojt persistenti u identifikat sew fis-suq li jnaqqas l-aċċess ta' l-SMEs għall-finanzi, riċerka, innovazzjoni u Teknoloġiji Informatiċi u Komunikattivi (ICT) u li jtellef mill-potenzjal tagħhom biex jikbru. Filwaqt li l-attivitajiet tagħha kellhom xi impatt, huma jridu jissaħħu u jibqgħu jiġu żviluppati biex ilaħħqu mal-bżonnijiet dejjem jinbidlu tat-tipi kollha ta' impriżi.

Il-Finanzi huma kontribut kruċjali għall-ħolqien, tkabbir u żvilupp ta' l-SMEs. Il-Kummissjoni pproponiet li żżid l-**għajnuna finanzjarja** eżistenti lill-SMEs b'mod sinifikanti taħt is-CIP. Strument ġdid dwar riskju ta' kapital immirat speċifikament għal SMEs innovativi u li jikbru malajr hu maħsub biex ikattar l-espansjoni. Strument għal sigurtà ta' portafolji ta' self mill-bank se jagħti kapaċità ta' self akbar biex tkun żviluppata d-disponibbiltà ta' qrubija finanzjarja għal aktar negozji tradizzjonali. Il-Kummissjoni se tippreżenta **Komunikazzjoni dwar mod Ewropew kif ikun ifffinanzjat it-tkabbir** bil-għan li jinħolqu aktar sinerġiji ma' l-Istati Membri u l-

¹⁰ COM (2004) 728 finali tad-29.10.2004

komunità finanzjarja, biex jitneħħew l-ostakli li fadal għas-Suq Intern għal servizzi finanzjarji kif ukoll biex ikunu identifikati partenarjati effiċjenti u effikaċji pubbliċi-privati li kapaċi jegħlbu l-firda fis-suq.

L-innovazzjoni kostanti hija fattur essenzjali fl-iżvilupp sostenibbli ta' l-impriżi.¹¹ Iżda, minkejja l-kontribut importanti tagħhom għall-innovazzjoni, l-SMEs ħafna drabi jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet meta jużaw ir-riżultati ta' l-innovazzjoni u r-riċerka u jużaw sew l-IPR. L-UE imponiet fuqha nnifsha l-għan li ssaħħaħ il-kapaċità ta' l-innovazzjoni u tar-riċerka ta' l-SMEs u żżidilhom il-volum tat-**trasferiment tat-teknoloġija**, filwaqt li tirrikonoxxi li t-tipi kollha ta' l-SMEs jistgħu jgawdu minn progress teknoloġiku. Il-Kummissjoni għalhekk se tfittex li żżid il-parteċipazzjoni ta' l-SMEs fl-**inizjattiva Ewropea INNOVA** u tagħti appoġġ speċifiku lill-SMEs fil-qasam ta' l-IPR, permezz ta' networks ta' appoġġ lin-negozju fil-Komunità. Rigward il-**Programm ta' Għajnuna dwar il-Konformità Ambjentali**, se tappoġġja l-innovazzjoni fl-SMEs filwaqt li ttejjeb il-ħidma ambjentali tagħhom.

L-investment fil-potenzjal tat-tkabbir ta' l-SMEs huwa wkoll wieħed mill-elementi ċentrali tal-politika l-ġdida ta' koeżjoni. Il-Linji ta' Gwida Strateġiċi jfasslu għadd ta' attivitajiet iffokati fuq it-tkabbir ta' l-SMEs, inkluż titjib fl-aċċess għall-iffinanzjar għall-SMEs u għall-intraprendituri potenzjali, trasferiment teknoloġiku eħfef jew investment f'ċentri ta' eċċellenza li jgħaqqdu lill-SMEs ma' istituzzjonijiet ta' riċerka u ta' teknoloġija.

Il-Kummissjoni tqis li hu fundamentali li jsir kull sforz biex jiġu ssimplifikati r-regoli u l-proċeduri biex **tippromwovi l-parteċipazzjoni ta' l-SMEs fis-7 Programm ta' Qafas** u se tibqa' ssegwi mill-qrib il-progress f'dan il-qasam. Il-Kummissjoni se tagħmel aktar miżuri biex tħajjar u tiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' l-SMEs, kemm fi programmi ta' kollaborazzjoni skond l-oqsma tematiċi varji kif ukoll f'azzjonijiet speċifiċi immirati lejn l-SMEs u lejn l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom.

Il-promozzjoni sabiex jintużaw Teknoloġiji Informatiċi u Kommunikattivi (ICT), tagħlim elettroniku u negozju elettroniku hija fattur kruċjali biex titjeb il-kompetittività ta' l-SMEs. Il-Kummissjoni se tibqa' tappoġġja n-netwerking fost dawk li jsawru l-politika f'dan il-qasam permezz ta' **Network ta' Appoġġ għan-Negozju Elettroniku** għall-SMEs. Se tkompli tinkoraġġixxi l-iskambju u t-tixrid ta' l-aħjar prassi, tappoġġja t-taħriġ ta' konsulenti ta' l-SMEs u tkattar il-kooperazzjoni bejn l-SMEs u min iforni l-ICT. Barra minn hekk, is-CIP se jappoġġja l-użu ta' soluzzjonijiet ta' l-ICT għall-benefiċċju ta' l-SMEs.

Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni beħsiebha ttejjeb l-**għarfien dwar u l-analiżi tal-ħidma Ewropea ta' l-SMEs** sabiex tkun tista' tieħu azzjoni biex issaħħaħ il-kompetittività tagħhom. Se ttejjeb l-għodod eżistenti bħall-**Osservatorju ta' l-SMEs Ewropej** biex tkun tista' tanalizza d-data ekonomika u l-perċezzjonijiet ta' l-SMEs bil-għan li tiddekrivi l-ħidma u l-karatteristiċi tagħhom mingħajr ma żżid xi piż amministrattiv dirett fuq l-SMEs.

¹¹

Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni: L-implimentazzjoni tal-Programm Komunitarju ta' Liżbona: Aktar Riċerka u Innovazzjoni – L-investment għat-Tkabbir u l-Impjiegi: Metodu Komuni, COM (2005) 488 finali tat-12.10.2005

3.5. It-tisħiħ tad-djalogu u l-konsultazzjoni ma' l-SMEs kollha interessati.

L-SMEs f'it huma infurmati dwar l-UE u l-attivitajiet tagħha u xi drabi huma xettiċi dwar l-effett tagħhom fuq in-negozju. Ħafna drabi, ma jaħtfux sew l-opportunitajiet li għib magħha l-UE. L-istituzzjonijiet Ewropej iridu wkoll iżidu l-kapaċità biex jagħtu kas tat-tħassib ta' l-SMEs u biex jippromwovu, flimkien ma' l-Istati Membri, dehra pożittiva ta' l-intraprenditorija. **It-tnaqqis fid-distakk li hemm fl-informazzjoni** bejn l-istituzzjonijiet Ewropej u n-negozji, speċjalment l-SMEs, huwa essenzjali biex terġa' tgħaqqad liċ-ċittadini mal-proġett Ewropew.¹²

Il-Kummissjoni se tippromwovi djalogu aktar regolari u strutturat aħjar ma' u b'konsultazzjoni mal-partijiet kollha interessati biex tkun riflessa d-diversità ta' l-udjenza, minn organizzazzjonijiet ta' negozji Ewropej għal organizzazzjonijiet ta' appoġġ nazzjonali u lokali, konsultanti ta' negozji żgħar u, sa ċertu punt, għal SMEs innifishom. Il-Kummissjoni, u b'mod partikulari **l-Ambaxxatur tagħha għall-SMEs**, hija kommissa biex tikkonsulta b'mod estensiv mal-partijiet kollha interessati sabiex jiżguraw li t-tħassib tagħhom jitqies fil-proċess tat-tfassil tal-politika.

Filwaqt li tagħraf ir-rwol prinċipali ta' l-organizzazzjonijiet tan-negozju biex jiddirezzjonaw ir-risposti mill-SMEs lejn l-istituzzjonijiet Ewropej, il-Kummissjoni bi ħsiebha **toħloq mekkaniżmu konsultattiv li huwa ħafif u faċli biex tużah** ("bord ta' l-SMEs ") permezz tan-netwerk taċ-Ċentru ta' Informazzjoni Ewropew biex tiġbor l-opinjonijiet mill-SMEs f'oqsma speċifiċi ta' tfassil ta' politika. Barra minn hekk, il-Kummissjoni bħalissa qed tirrevedi l-inizjattiva ta' Tfassil Interattiv ta' Politika u se tipproponi modi ta' kif jista' jitjieb il-mekkaniżmu tagħha ta' ġbir ta' risposti biex ikun iffaċilitat l-għarfien tal-problemi ta' li għandhom l-SMEs bil-leġiżlazzjoni Ewropea. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, il-Kummissjoni għadha kif ippubblikat rapport dwar konsultazzjoni mal-partijiet kollha konċernati fuq livell nazzjonali u reġjonali u tagħti proposti konkreti biex ittejjeb il-mekkaniżmi ta' konsultazzjoni.

It-Tixrid ta' l-imprenditorjat u l-immaġni ta' l-SMEs se tkun prijarità ewlenija. Il-Kummissjoni se tiffoka fuq il-komunikazzjoni mal-gruppi tal-partijiet kollha differenti interessati, anki fuq livell reġjonali. Fl-istess ħin, għadd ta' azzjonijiet immirati se jippruvaw itejbu l-mod ġenerali kif il-pubbliku jħares lejn l-imprendituri fl-Ewropa billi jenfasizzaw prattiki ta' intraprenditorija li kellhom suċċess. Skema ġdida, "Premji Ewropej għall-Impriżi", se titnieda fl-aħħar ta' 2005 biex tidentifika politiki li kellhom suċċess, biex tippromwovi l-intraprenditorija u l-SMEs fuq livell reġjonali u biex tiffaċilita l-iskambju ta' l-aħjar prassi f'dan il-qasam.

Finalment, il-Kummissjoni se **tkattar il-kooperazzjoni ma' l-Istati Membri u mal-partijiet l-oħra kollha interessati**. Se ssaħħaħ il-kuntatt ta' ħidma ma' amministrazzjonijiet nazzjonali dwar suġġetti marbuta ma' l-SMEs , filwaqt li tibqa' tagħmel laqgħat fuq bażi aktar regolari ma' organizzazzjonijiet ta' negozju biex tiddiskuti s-suġġetti marbuta ma' politika. Biex tiżgura li jkunu involuti l-akbar numru ta' gruppi tal-partijiet kollha interessati, il-Kummissjoni se torganizza konferenza annwali fuq livell għoli biex tirrevedi l-progress li jkun inkiseb fl-

¹²

Ara l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni biex ittejjeb il-Komunikazzjoni fl-Ewropa, Lulju 2005 (SEC(2005) 985)

implimentazzjoni ta' din il-Komunikazzjoni u biex tiddiskuti azzjoni għall-ġejjieni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tippromwovi l-parteċipazzjoni tal-SMEs fi gruppi ta' livell għoli, diskussjonijiet u f'fora oħra fejn jixraq u se torganizza konferenza għall-impriżi tas-snaġġa' fl-2006.

4. KONKLUŻJONI

Il-Komunikazzjoni preżenti timmarka bidu għid għal politika aktar prammatika, komprensiva u inklussiva ta' l-UE favur l-SMEs. Hi tenfasizza r-rwol kruċjali li l-SMEs għandhom fil-Partenarjat għat-Tkabbir u għall-Impjiegi. Il-Komunikazzjoni twitti t-triq għal metodu strateġiku biex l-SMEs isiru aktar kompettivi, ibbażat fuq it-tqarrib ta' l-istrumenti ta' politika Komunitarja, fuq titjib fis-sinerġiji bejn l-oqsma ta' politika u fuq sħubija ġenwina bejn l-UE u l-azzjonijiet ta' l-Istati Membri.

Għan importanti huwa li jkunu xprunati bidliet fil-mod kif jitqiesu l-SMEs u l-imprendituri fit-tfassil tal-politika u fl-opinjoni pubblika, kemm fuq livell ta' l-UE kif ukoll fuq livell nazzjonali. Tabilħaqq, biex tkun suċċess, il-politika ta' l-SMEs trid twaħħad l-aspettattivi propja ta' miljuni ta' impriżi Ewropej fi spettru wiesa' ta' politiki. Il-Komunikazzjoni tiġbed l-attenzjoni għall-ammont kbir ta' potenzjal mhux sfruttat ta' l-SMEs biex jinħoloq it-tkabbir u x-xogħol u tippromwoni modi biex ikunu simplifikati r-regoli u r-regolamenti, tippromwovi kultura imprenditorjali, u tgħin lill-SMEs biex ikollhom aċċess għall-innovazzjoni, finanzi, taħriġ, u fl-aħħar iżda mhux l-inqas, għas-swieq Ewropej kif ukoll dawk internazzjonali. Fl-aħħar, titjib fil-komunikazzjoni u fil-konsultazzjoni mal-partijiet kollha interessati jaqblu sew ma' din il-politika għdida ta' l-SMEs.

Biex jintlaħqu l-għanijiet mogħtija f'din il-Komunikazzjoni jeħtieġ li jiċċaqalqu u jintrabtu l-atturi kollha relevanti, kemm pubbliċi kif ukoll dawk privati fuq livell reġjonali, nazzjonali u Ewropew. Il-Kummissjoni se ssegwi mill-qrib il-ħidma ta' l-SMEs fl-ekonomija, se tagħmilha prijorità li ssaħħaħ il-koordinazzjoni ta' politiki kemm fuq livell ta' l-UE kif ukoll fost l-Istati Membri u se tuża l-istrumenti u l-programmi tal-Komunità biex twettaq l-azzjonijiet li jappoġġjaw il-kompetittività ta' l-SMEs.